Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' April 2021
(OR. en)

7650/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0084(NLE)

AVIATION 64
RELEX 275
COEST 76
NIS 6
OC 11
AM 1

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' April 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 160 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn ir-Repubblika tal-Armenja, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 160 final.

Mehmuż: COM(2021) 160 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.4.2021
COM(2021) 160 final

2021/0084 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn ir-Repubblika tal-Armenja, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Armenja kien ġie nnegozjat mill-Kummissjoni skont l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill fis-7 ta' Diċembru 2015.

Is-servizzi tal-ajru bejn l-UE u l-Armenja fil-preżent joperaw abbażi ta' ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri individwali u l-Armenja.

Hija parti mill-politika esterna tal-Unjoni dwar l-avjazzjoni li tinnegozja ftehimiet komprensivi dwar is-servizzi tal-ajru mal-pajjiżi ġirien, f'każijiet fejn ikunu ntwerew il-valur miżjud u l-benefiċċji ekonomiċi ta' tali ftehimiet. Il-Ftehim għandu l-għan, b'mod partikolari:

- li jiftaħ is-suq b'mod gradwali f'termini tal-aċċess għar-rotot u tal-kapaċità, fuq bażi reċiproka;

- li jiżgura l-konverġenza regolatorja u l-konformità effettiva min-naħa tal-Armenja mal-leġiżlazzjoni tal-UE relatata mal-avjazzjoni; u

- li joħloq kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi ekonomiċi li jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni.

• Kuntest ġenerali

Id-direttivi tan-negozjati stabbilew l-objettiv ġenerali li jiġi nnegozjat ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru bl-għan li jinfetaħ, b'mod gradwali u reċiproku, l-aċċess għas-suq u li jiġu żgurati l-konverġenza regolatorja u l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards u tar-rekwiżiti tal-Unjoni.

Skont id-direttivi tan-negozjati, l-abbozz tal-Ftehim mal-Armenja ġie inizjalat miż-żewġ naħat fl-24 ta' Novembru 2017.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-konklużjoni ta' Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru mal-Armenja hija element importanti fl-iżvilupp tal-politika esterna tal-Unjoni dwar l-avjazzjoni u hija komponent kruċjali tal-politika tal-viċinat tal-Unjoni u tal-ħolqien ta' Spazju Komuni Ewropew tal-Avjazzjoni usa', kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2012) 556 final dwar "Il-Politika Esterna tal-UE dwar l-Avjazzjoni – Nindirizzaw l-Isfidi tal-Futur".

• Konsistenza ma' dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għandhom jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet bilaterali eżistenti fil-qasam tas-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Armenja. Madankollu, id-drittijiet tat-traffiku eżistenti li joriġinaw minn dawn il-ftehimiet bilaterali u li mhumiex koperti fil-qafas ta' dan il-Ftehim jistgħu jkomplu jiġu eżerċitati, diment li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għall-proposta hija l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u l-Artikolu 218(7) tiegħu.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-arranġamenti eżistenti magħmula minn Stati Membri individwali. Il-Ftehim joħloq kundizzjonijiet ugwali u uniformi għall-aċċess għas-suq għat-trasportaturi tal-ajru kollha tal-Unjoni b'mod simultanju, u jistabbilixxi arranġamenti ġodda għall-kooperazzjoni u għall-konverġenza regolatorja bejn l-Unjoni Ewropea u l-Armenja f'oqsma li huma essenzjali għat-tħaddim sikur, sigur u effiċjenti tas-servizzi tal-ajru. Dawn l-arranġamenti jistgħu jinkisbu biss fil-livell tal-Unjoni għaliex jinvolvu għadd ta' oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

L-għanijiet tal-proposta se jintlaħqu aħjar permezz ta' azzjoni tal-Unjoni għar-raġunijiet li ġejjin.

Il-Ftehim jippermetti l-estensjoni simultanja tat-termini tiegħu għat-27 Stat Membru, billi japplika l-istess regoli mingħajr diskriminazzjoni u jkun ta' benefiċċju għat-trasportaturi tal-ajru kollha tal-Unjoni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom. Dawn it-trasportaturi se jkunu jistgħu joperaw b'mod liberu minn kwalunkwe punt fl-Unjoni Ewropea lejn kwalunkwe punt fl-Armenja u lil hinn, li bħalissa mhuwiex il-każ.

It-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet kollha għall-aċċess għas-suq bejn l-Unjoni u l-Armenja mhux biss se tattira parteċipanti ġodda fis-suq u se toħloq opportunitajiet biex isiru operazzjonijiet lejn ajruporti li mhumiex moqdija biżżejjed, iżda se tiffaċilita wkoll il-konsolidazzjoni bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni.

Il-Ftehim jiżgura l-aċċess għall-opportunitajiet kummerċjali għat-trasportaturi tal-ajru kollha tal-Unjoni, bħal dawk relatati mas-servizzi fuq l-art, il-code-sharing, l-intermodalità u l-possibbiltà li jistabbilixxu l-prezzijiet liberament.

- **Proporzjonalità**

Se jiġi stabbilit Kumitat Konġunt biex jiddiskuti l-kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt se jħeġġeġ l-iskambji fil-livell tal-esperti dwar inizjattivi jew żviluppi leġiżlattivi jew regolatorji ġodda u se jqis l-oqsma potenzjali għall-iżvilupp ulterjuri tal-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt se jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkomplu jwettqu l-kompiti amministrattivi tradizzjonali tagħhom li huma jwettqu fil-kuntest tat-trasport internazzjonali bl-ajru, iżda skont regoli komuni applikati b'mod uniformi.

- **Għażla tal-istrument**

Ir-relazzjonijiet esterni fil-qasam tal-avjazzjoni jista' jkollhom effett biss permezz ta' ftehimiet internazzjonali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Skont l-Artikolu 218(4) tat-TFUE, il-Kummissjoni wettqet in-negozjati b'konsultazzjoni ma' kumitat speċjali (Forum Konsultattiv). Bl-istess mod, waqt in-negozjati ġiet ikkonsultata l-industrija.

Barra minn hekk, tqiesu l-kummenti li saru f'dan il-proċess. L-Istati Membri kkonċernati vverifikaw il-preċiżjoni tar-referenzi għall-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru. L-industrija enfasizzat l-importanza ta' bażi ġuridika soda għall-operazzjonijiet kummerċjali tagħha.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Il-Ftehim jikkonsisti mit-test ewlieni, li jinkludi l-prinċipji fundamentali u żewġ Annessi, li huma: l-Anness I dwar id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali u l-Anness II dwar ir-regoli tal-UE applikabbli għall-avjazzjoni ċivili.

2021/0084 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn ir-Repubblika tal-Armenja, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill XXXX/XX, il-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn ir-Repubblika tal-Armenja, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fi XX, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data 'l quddiem.

(2) Il-Ftehim ġie rratifikat mill-Istati Membri kollha.

(3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'dan, il-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn ir-Repubblika tal-Armenja, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, huwa approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna li jkollha s-setgħa tipproċedi, f'isem l-Unjoni, biex tiddepożita l-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 30 tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni hija awtorizzata tadotta l-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 27(7) tal-Ftehim biex jiġi emendat l-Anness II tiegħu billi tiġi integrata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dak l-Anness, soġġett għal kwalunkwe aġġustament tekniku meħtieġ, wara li jiġi kkonsultat Kumitat Speċjali maħtur mill-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President